**A.L. 423 ta' l-2007**

## LEĠISLAZZJONI EMENDATA B'DIN L-ORDNI

**LIĠI**

L-Att dwar Ġieh ir-Repubblika, Kap. 251

L-Att dwar l-Arma u s-Siġill Pubbliku ta' Malta, Kap. 253

L-Att dwar is-Servizzi Postali, Kap. 254

L-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, Kap. 258

L-Att dwar il-Manoel Island (Provvediment Speċjali), Kap. 259

L-Att hu Att dwar il-Ħabs, Kap. 260

L-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, Kap. 261

L-Att dwar is-Saħħa Mentali, Kap. 262

L-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players*, Kap. 263

L-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 266

L-Att dwar il-Kummissjoni dwar l-Impiegi, Kap. 267

L-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Kap. 268

L-Att dwar il-Monte di Pietà, Kap. 269

L-Att dwar il-Kontroll tat-*Tattoo*, Kap. 270

L-Att biex jiġi Evitat u Kontrollat it-Tniġġiż tal-Baħar, Kap. 271

L-Att dwar l-Enemalta, Kap. 272

L-Att dwar l-Inkjesti, Kap. 273

L-Att li jirregola l-Użu ta' Ċertu Kliem, Kap. 277

L-Att dwar il-Ġbir Pubbliku, Kap. 279

L-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, Kap. 281

L-Att li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar, Kap. 283

L-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), Kap. 285

L-Att dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini, Kap. 288

**LIĠI**

L-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291

L-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern, Kap. 292

L-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, Kap. 296

L-Att dwar Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali (Biljetti ta' Dħul Komplessivi), Kap. 298

L-Att dwar il-Kuratur Pubbliku, Kap. 299

L-Att dwar Indħil Barrani, Kap. 300

Regolamenti dwar Servizzi Postali (Ġenerali), L.S.254.01

Regolamenti dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għal Proċeduri bil-Miktub fuq Appelli, L.S.254.11

Regolamenti dwar iż-Żwieġ, L.S.255.01

Prisons Regulations, L.S.260.03

Regolamenti dwar Pensjonijiet għal min jaħdem fil-Ħabs, L.S.260.04

Regolamenti dwar il-Proċedura tal-Monti, L.S.269.01

Regolamenti dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy,* L.S.281.01

Regolamenti dwar Dritt għal Xiri ta' Kopji ta' *Tapes,* L.S.284.01

Regolamenti dwar Rimunerazzjoni lill-Assistenti tal-Qorti tal-Minorenni, L.S.287.01

Regolamenti dwar in-Notifika ta' Taħrikiet tat-Tribunali Lokali, L.S.291.01

Avviż dwar Rimunerazzjoni li tingħata lill-Kummissarji għall-Ġustizzja, L.S.291.05

Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (*Super Five*), L.S.292.01

Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira), L.S.292.02

Government Instant Lotteries Regulations, L.S.292.03

Regoli dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet, L.S.296.08

**A.L. 423 ta' l-2007**

**ATT TA' L-2006 DWAR L-ADOZZJONI TA' L-EURO, (ATT NRU. X ta' l-2006)**

**Ordni ta' l-2007 dwar l-Adattament tal-Liġijiet (Kapitoli 251 - 300)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-2006 dwar l-Adozzjoni ta' l-Euro, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi għamel l-ordni li ġej:

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Ordni huwa l-Ordni ta' l-2007 dwar l-Adattament tal-Liġijiet (Kapitoli 251 - 300).

Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2008, hawnhekk 'il quddiem imsejħa "id-data operattiva".

**2.** Il-kliem u l-frażijiet imsemmija fit-tielet kolonna ta' l-Iskeda I, liema kliem u frażijiet jinsabu fid-disposizzjonijiet speċifikati fit-tieni kolunna ta' l-istess Skeda, liema disposizzjonijiet jinsabu fil-Liġijiet imsemmija fl-ewwel kolonna ta' l-istess Skeda, għandhom jiġu emendati skond l-emendi imsemmija fir-raba' kolonna ta' dik l-Iskeda.

Emendi għall-Kapitoli tal-Liġijiet ta' Malta.

**3.** Il-kliem u l-frażijiet imsemmija fit-tielet kolonna ta' l-Iskeda II, liema kliem u frażijiet jinsabu fid-disposizzjonijiet speċifikati fit-tieni kolunna ta' l-istess Skeda, liema disposizzjonijiet jinsabu fil-Liġijiet imsemmija fl-ewwel kolonna ta' l-istess Skeda, għandhom jiġu emendati skond l-emendi imsemmija fir-raba' kolonna ta' dik l-Iskeda.

Emendi għal-Leġislazzjoni Sussidjarja.

**4.** Id-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Skedi, Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., liema disposizzjonijiet jinsabu fil-Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta, u li huma msemmija fl-Iskeda III, għandhom jiġu emendati skond l-emendi imsemmija f'dik l-Iskeda.

Emendi ta' l-Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., tal-Kapitoli tal-Liġijiet ta' Malta.

**5.** Id-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Skedi, Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., liema disposizzjonijiet jinsabu fil-Leġislazzjoni Sussidjarja, u li huma msemmija fl-Iskeda IV, għandhom jiġu emendati skond l-emendi imsemmija f'dik l-Iskeda.

Emendi ta' l-Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., tal-Leġislazzjoni Sussidjarja.

Riżerva.

**6.** (1) Xejn f’dan l-Ordni ma għandhom jeffettwa l-validità ta’ xi ħaġa li tkun saret qabel legalment, jew xi dritt, obbligu jew responsabilità qabel miksuba, miġbura jew meħuda, skond xi waħda mil-liġijiet imsemmija fl-Iskedi li jinsabu ma’ dan l-Ordni.

(2) Kull notifika, ordni, skema, regola, regolament, ħatra, delega, direttiva jew awtorizzazzjoni magħmula, mogħtija jew maħruġa legalment qabel skond xi waħda mil-liġijiet imsemmija fl-Iskedi li jinsabu ma’ dan l-Ordni tista’ tiġi mħassra, mibdula jew imneħħija bl-istess mod, sa l-istess estensjoni u bl-istess ċirkostanzi bħallikieku kienet saret, ġiet mogħtija, maħruġa jew magħmula, wara d-data operattiva minn awtorità kompetenti u skond u bis-saħħa tad-disposizzjonjiet applikabbli għal dak il-każ f’dak iż-żmien.

# SKEDA I

## (Artikolu 2)

## Emendi għall-Kapitoli tal-Liġijiet ta' Malta 251 - 300

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| 1. | **L-Att dwar Ġieh ir-Repubblika, Kap. 251.** | artikolu 27 | "ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| 2. | **L-Att dwar l-Arma u s-Siġill Pubbliku ta' Malta, Kap. 253.** | artikolu 7(1) | "teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux anqas minn ħamsin lira u mhux iżjed minn elf lira u f'każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux inqas minn lira għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" | "teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u f'każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux inqas minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" |
| 3. | **L-Att dwar is-Servizzi Postali, Kap. 254.** | artikolu 40(8) | "multa ta' mhux iżjed minn ħamsin lira u multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn għaxar liri għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" | "multa ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u erbgħin ċenteżmu (116.40) u multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u għoxrin ċenteżmu (23.20) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" |

| LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|
| | artikolu 62(1) | "jeħel multa ta' mhux aktar minn għaxart elef lira u fil-każ ta' reat kontinwat ta' mhux aktar minn mitt lira għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" | "jeħel multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u disgħin euro (23,290) u fil-każ ta' reat kontinwat ta' mhux aktar minn mitejn u tletin euro (230) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" |
| | artikolu 62(2) | "multa ta' mhux aktar minn għaxart elef lira" | "multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u disgħin euro (23,290)" |
| | artikolu 62(3) | "multa ta' mhux aktar minn elf lira" | "multa ta' mhux aktar minn elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin euro (2,325)" |
| | artikolu 62(4) | "multa ta' mhux inqas minn mitejn lira u mhux iżjed minn elfejn lira" | "multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro (465) u mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u ħamsa u ħamsin euro (4,655)" |
| | artikolu 62(5) | "multa ta' mhux aktar minn elf lira u fil-każ ta' reat kontinwat multa ulterjuri ta' mhux iżjed minn mitt lira għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" | "multa ta' mhux aktar minn elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin euro (2,325) u fil-każ ta' reat kontinwat multa ulterjuri ta' mhux iżjed minn mitejn u tletin euro (230) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" |
| | artikolu 65 | "multa li ma tkunx iżjed minn mitejn lira" | "multa li ma tkunx iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro (465)" |
| | artikolu 66(1) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u sittin euro (1,160)" |
| | artikolu 67 | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u sittin euro (1,160)" |
| | artikolu 68 | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u sittin euro (1,160)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | artikolu 70 | "multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira" | "multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro (465)" |
| | | artikolu 71 | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u sittin euro (1,160)" |
| | | artikolu 72 | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u sittin euro (1,160)" |
| | | artikolu 73 | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u sittin euro (1,160)" |
| | | artikolu 75 | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u sittin euro (1,160)" |
| | | il-proviso ta' l-artikolu 81(2)(k) | "l-ammont ta' ħamest elef lira għal kull reat u mitejn lira" | "l-ammont ta'ħdax-il elf, sitt mija u ħamsa u erbgħin euro (11,645) għal kull reat u erba' mija u ħamsa u sittin euro (465)" |
| | | il-proviso ta' l-artikolu 81(2)(l) | "multa ta' iżjed minn elf lira" | "multa ta' iżjed minn elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin euro (2,325)" |
| **4.** | **L-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, Kap. 258.** | artikolu 10(2) | "għall-ħruġ ta' karta ta' l-identità minflok karta mitlufa, distrutta jew imħassra, u mal-ħlas ta' dritt ta' lira" | "għall-ħruġ ta' karta ta' l-identità minflok karta mitlufa, distrutta jew imħassra, u mal-ħlas ta' dritt ta' żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33)" |
| | | artikolu 14(1) | "multa ta' mhux iżjed minn mitt lira u, fil-każ ta' reat kontinwu, multa ta' mhux iżjed minn ħames liri għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" | "multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u, fil-każ ta' reat kontinwu, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **5.** | **L-Att dwar il-Manoel Island (Provvediment Speċjali), Kap. 259.** | artikolu 4(3)(d)(ii) | "ix-xorta u l-kobor ta' l-iżvilupp li l-Kumpannija ntrabtet li tagħmel u l-infiq (ta' mhux inqas minn tliet miljun lira" | "ix-xorta u l-kobor ta' l-iżvilupp li l-Kumpannija ntrabtet li tagħmel u l-infiq (ta' mhux inqas minn sitt miljuni, disa' mija u tmienja u tmenin elf, mija u għoxrin euro u għoxrin ċenteżmu (6,988,120.20)" |
| **6.** | **L-Att hu Att dwar il-Ħabs, Kap. 260.** | artikolu 7(1) | "multa ta' mhux iżjed minn mitt liri" | "multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" |
| | | artikolu 7(3) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| **7.** | **L-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, Kap. 261.** | artikolu 18 | "li jkunu stmati mill-Awtorità li jkunu jiswew aktar minn tlett elef lira ħlief wara li jkun ġie pubblikat avviż tal-ħsieb ta' l-Awtorità li tidħol fil-kuntratt u wara li jkunu ħarġu offerti." | "li jkunu stmati mill-Awtorità li jkunu jiswew aktar minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) ħlief wara li jkun ġie pubblikat avviż tal-ħsieb ta' l-Awtorità li tidħol fil-kuntratt u wara li jkunu ħarġu offerti." |
| **8.** | **L-Att dwar is-Saħħa Mentali, Kap. 262.** | artikolu 6(2) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira u multa ta' mhux iżjed minn ħames liri kull jum li matulu jkompli r-reat" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) kull jum li matulu jkompli r-reat" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | artikolu 9(1) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames liri u, meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux iżjed minn għoxrin lira u fil-każ ta' reat kontinwu multa ta' mhux iżjed minn żewġ liri għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" | "multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u, meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) u fil-każ ta' reat kontinwu multa ta' mhux iżjed minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" |
| **9.** | **L-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players*, Kap. 263.** | artikolu 8(1) | "multa ta' mhux inqas minn mitt lira iżda mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | | artikolu 9(1)(a) | "multa ta' mhux inqas minn mitejn lira u mhux iżjed minn elf lira" | "multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" |
| | | artikolu 9(1)(b)(i) | "multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | artikolu 9(1)(b)(ii) | "multa ta' mhux inqas minn mitejn lira u mhux iżjed minn elf lira" | "multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" |
| **10.** | **L-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 266.** | artikolu 4(3) | "mal-ħlas ta' somma ta' mhux iżjed minn għaxar ċenteżmi" | "mal-ħlas ta' somma ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin ċenteżmu (0.23)" |
| | | artikolu 5(2) | "multa ta' mhux iżjed minn mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" |
| | | artikolu 13(4) | "mal-ħlas ta' somma ta' mhux iżjed minn ħames ċenteżmi" | "mal-ħlas ta' somma ta' mhux iżjed minn tnax-il ċenteżmu (0.12)" |
| | | artikolu 16(1) | "multa ta' mhux iżjed minn mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" |
| | | artikolu 16(2) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira jew" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew" |
| | | artikolu 20 | "multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira" | "multa ta' mhux iżjed minn erba mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)" |
| | | artikolu 31A(5) | "jħallas penali ta' mhux iżjed minn elf lira lis-Segretarju" | "jħallas penali ta' mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) lis-Segretarju" |
| | | artikolu 35(3) | "penali ta' mhux iżjed minn ħamsin lira" | "penali ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47)" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **11.** | **L-Att dwar il-Kummissjoni dwar l-Impiegi, Kap. 267.** | il-proviso ta' l-artikolu 4(2) | "multa ta' mhux iżjed minn elf lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" |
| **12.** | **L-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Kap. 268.** | artikolu 5(1) | "multa ta' mhux iżjed minn elf lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" |
| **13.** | **L-Att dwar il-Monte di Pietà, Kap. 269.** | artikolu 6(i) | "multa ta' ħames mitt lira" | "multa ta' elf, mija u sittin euro (1,160)" |
| **14.** | **L-Att dwar il-Kontroll tat-*Tattoo*, Kap. 270.** | artikolu 6(4) | "kemm-il darba ma jitħallasx lill-Ministru dritt ta' ħames liri, jew dak id-dritt l-ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi" | "kemm-il darba ma jitħallasx lill-Ministru dritt ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), jew dak id-dritt l-ieħor li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi" |
| | | artikolu 8(ċ) | "multa ta' ħames mitt lira" | "multa ta' elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | | artikolu 9(a) | "multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira iżda mhux iżjed minn mitejn lira" | "multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)" |
| | | artikolu 9(b) | "multa ta' mhux inqas minn mitt lira iżda mhux iktar minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **15.** | **L-Att biex jiġi Evitat u Kontrollat it-Tniġġiż tal-Baħar, Kap. 271.** | artikolu 3(4) | "multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin lira u mhux iżjed minn ħamsin elf lira" | "multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) u mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67)" |
| | | artikolu 4(2) | "multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin lira u mhux iżjed minn ħamsin elf lira" | "multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) u mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67)" |
| | | artikolu 5(3) | "multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin lira u mhux iżjed minn ħamsin elf lira" | "multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) u mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67)" |
| | | artikolu 12(4) | "multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u tletin elf lira" | "multa ta' mhux iżjed minn wieħed u tmenin elf, ħames mija u tmienja u għoxrin euro u seba' ċenteżmi (81,528.07)" |
| | | artikolu 12(5) | "multa ta' mhux iżjed minn erba' mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn disa' mija u wieħed u tletin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (931.75)" |
| | | artikolu 13(3) | "multa ta' mhux iżjed minn elf lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" |

| LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|
| | artikolu 14(5) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | artikolu 14(6) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | artikolu 14(7) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | artikolu 15(2) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | artikolu 16(2) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | artikolu 19(4) | "multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin lira u mhux iżjed minn ħamsin elf lira" | "multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) u mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67)" |
| | artikolu 21(4) | "multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira" | "multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73)" |
| | artikolu 22(6) | "multa ta' mhux iżjed minn elf lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | artikolu 25(3) | "multa ta’ mhux iżjed minn mitejn lira, u fil-każ tat-tieni reat jew reat ieħor wara multa ta’ mhux iżjed minn elf lira, dwar kull wieħed minn dawk ir-reati" | "multa ta’ mhux iżjed minn erba’ mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87), u fil-każ tat-tieni reat jew reat ieħor wara multa ta’ mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), dwar kull wieħed minn dawk ir-reati" |
| | | artikolu 27(2)(b) | "tipprovdi għal multa jew ammenda ta’ mhux iktar minn għaxart elef lira" | "tipprovdi għal multa jew ammenda ta’ mhux iktar minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73)" |
| | | artikolu 28(6) | "multa ta’ mhux iżjed minn elf lira" | "multa ta’ mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" |
| | | artikolu 31(3) | "multa ta’ mhux iżjed minn ħamsin elf lira" | "multa ta’ mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67)" |
| **16.** | **L-Att dwar l-Enemalta, Kap. 272.** | il-proviso ta’ l-artikolu 16(2) | "Iżda għal kull ammont li jkun ’il fuq minn miljun lira, tkun meħtieġa l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru" | "Iżda għal kull ammont li jkun ’il fuq minn żewġ miljuni u tliet mija u disgħa u għoxrin elf u tliet mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (2,329,373.40), tkun meħtieġa l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | artikolu 35(1) | "li jkun stmat mill-Bord li jkun jiswa iżjed mis-somma ta' għaxart elef lira, jew dik is-somma li l-Kamra tad-Deputati tista' minn żmien għal żmien b'riżoluzzjoni tistabbilixxi" | "li jkun stmat mill-Bord li jkun jiswa iżjed mis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73), jew dik is-somma li l-Kamra tad-Deputati tista' minn żmien għal żmien b'riżoluzzjoni tistabbilixxi" |
| | | artikolu 46(1) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| 17. | **L-Att dwar l-Inkjesti, Kap. 273.** | artikolu 6(4) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| 18. | **L-Att li jirregola l-Użu ta' Ċertu Kliem, Kap. 277.** | artikolu 2(4) | "multa ta' mhux inqas minn għaxar liri u mhux iżjed minn ħames mitt lira u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizjonali ta' mhux inqas minn lira u mhux iżjed minn għaxar liri għal kull jum li matulu jkun kompla r-reat" | "multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizjonali ta' mhux inqas minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33) u mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull jum li matulu jkun kompla r-reat" |
| 19. | **L-Att dwar il-Ġbir Pubbliku, Kap. 279.** | artikolu 6(2) | "d-dħul kollu ta' ġabra jkun iżjed minn ħames mitt lira" | "d-dħul kollu ta' ġabra jkun iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | | artikolu 10(1) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |

| LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|
| | artikolu 10(2) | "multa ta' mhux iżjed minn għoxrin lira u fil-każ li jinsab ħati t-tieni darba jew drabi oħra priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira" | "multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) u fil-każ li jinsab ħati t-tieni darba jew drabi oħra priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)" |
| | artikolu 10(3) | "multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira u fil-każ li jinsab ħati t-tieni darba jew drabi oħra, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u fil-każ li jinsab ħati t-tieni darba jew drabi oħra, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | artikolu 10(4) | "multa ta' mhux iżjed minn ħamsin lira" | "multa ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47)" |
| | artikolu 10(5) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |
| | artikolu 10(6) | "multa ta' mhux iżjed minn għoxrin lira" | "multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59)" |
| | artikolu 10(7) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **20.** | **L-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, Kap. 281.** | artikolu 3(4) | "multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira u dwar it-tieni reat jew reati oħra wara multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn ħamsin lira għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" | "multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u dwar it-tieni reat jew reati oħra wara multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (5,823.43) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" |
| | | artikolu 3(5) | "multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira" | "multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)" |
| | | artikolu 3(6) | "multa ta' mhux iżjed minn mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" |
| | | artikolu 5(2) | "multa ta' mhux iżjed minn elf lira u meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew kemm dik il-priġunerija u l-multa msemmija li ma tkunx iżjed minn elf lira" | "multa ta' mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew kemm dik il-priġunerija u l-multa msemmija li ma tkunx iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" |

| LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|
| | artikolu 8(m) | "multa ta' għaxart elef lira, jew priġunerija għal żmien sena, kemm flimkien ma' dik il-multa kemm mhux flimkien magħha, jew, fil-każ ta' reat kontinwu multa ta' ħamsin lira għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat sew jekk din tiżdied sew jekk ma tiżdiedx mal-piena hawn qabel imsemmija" | "multa ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73), jew priġunerija għal żmien sena, kemm flimkien ma' dik il-multa kemm mhux flimkien magħha, jew, fil-każ ta' reat kontinwu multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat sew jekk din tiżdied sew jekk ma tiżdiedx mal-piena hawn qabel imsemmija" |
| | artikolu 10(7) | "multa ta' mhux iżjed minn elf lira, u dwar it-tieni reat jew reati oħra wara multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-priġunerija u multa flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn mitt lira għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" | "multa ta' mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), u dwar it-tieni reat jew reati oħra wara multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-priġunerija u multa flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | artikolu 11(5) | "multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt lira, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn mitejn u ħamsin lira għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" | "multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (5,823.43), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u fil-każ ta' reat kontinwu multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat" |
| | | artikolu 11(6) | "multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf lira" | "multa ta' mhux iżjed minn tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (58,234.33)" |
| **21.** | **L-Att li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar, Kap. 283.** | artikolu 8 | "multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira" | "multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)" |
| **22.** | **L-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), Kap. 285.** | artikolu 12(2) | "multa ta' mhux iżjed minn mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" |
| **23.** | **L-Att dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini, Kap. 288.** | artikolu 5(a) | "multa ta' mhux inqas minn mitt lira" | "multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" |
| | | artikolu 5(b) | "multa ta' mhux inqas minn mitejn lira" | "multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | artikolu 7(a) | "multa ta' mhux inqas minn għoxrin lira" | "multa ta' mhux inqas minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59)" |
| | | artikolu 7(b) | "multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira" | "multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47)" |
| | | artikolu 11(6) | "ħallas lill-parti l-oħra penali ta' mhux iżjed minn għoxrin lira" | "ħallas lill-parti l-oħra penali ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59)" |
| **24.** | **L-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291** | il-proviso ta' l-artikolu 10(2) | "l-istess imputat għandu jħallas penali ta' ħames liri flimkien mal-multa jew ammenda" | "l-istess imputat għandu jħallas penali ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) flimkien mal-multa jew ammenda" |
| | | artikolu 10(4) | "il-Kummissarju jista' wkoll jordna l-ħlas lil dik l-awtorità ta' somma li ma tkunx iktar minn elf lira li tkun ipprovata għas-sodisfazzjon tiegħu" | "il-Kummissarju jista' wkoll jordna l-ħlas lil dik l-awtorità ta' somma li ma tkunx iktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) li tkun ipprovata għas-sodisfazzjon tiegħu" |
| | | artikolu 11(3) | "tordna lill-appellant iħallas penali ta' mhux iżjed minn ħamsin lira" | "tordna lill-appellant iħallas penali ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47)" |
| | | artikolu 14(3) | "kemm-il darba dik il-penali ma tkunx iżjed mill-minimu stabbilit fil-liġi għal kull reat jew għaxar liri skond liema tkun l-ogħla" | "kemm-il darba dik il-penali ma tkunx iżjed mill-minimu stabbilit fil-liġi għal kull reat jew tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) skond liema tkun l-ogħla" |
| **25.** | **L-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern, Kap. 292** | artikolu 4(i) | "il-penali, li ma tkunx iżjed minn multa ta' mitt lira" | "il-penali, li ma tkunx iżjed minn multa ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | artikolu 11 | "teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira u mhux iżjed minn mitejn lira" | "teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)" |
| **26.** | **L-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, Kap. 296** | artikolu 6(2) | "teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn mitt lira" | "teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" |
| | | artikolu 13(2) | "ammenda ta' mhux iżjed minn għoxrin lira" | "ammenda ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59)" |
| | | artikolu 58 | "multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira, jew dik il-priġunerija u multa flimkien" | "multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-priġunerija u multa flimkien" |
| **27.** | **L-Att dwar Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali (Biljetti ta' Dħul Komplessivi), Kap. 298.** | artikolu 4 | "ammenda ta' mhux inqas minn żewġ liri iżda mhux iżjed minn ħames liri għal kull nuqqas" | "ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) iżda mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull nuqqas" |
| **28.** | **L-Att dwar il-Kuratur Pubbliku, Kap. 299.** | artikolu 8(1) | "li l-valur kapitali gross tiegħu jkun inqas minn għaxart elef lira" | "li l-valur kapitali gross tiegħu jkun inqas minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73)" |

| | LIĠI | DISPOSIZ-ZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **29.** | **L-Att dwar Indħil Barrani, Kap. 300.** | artikolu 5(1) | "multa ta’ mhux iżjed minn elf lira, meta tinsab ħatja t-tieni darba, multa ta’ mhux inqas minn elf lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira u meta tinsab ħatja t-tielet darba jew wara, priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sitt xhur u multa ta’ mhux iżjed minn ħamest elef lira, u, fil-każ ta’ reat kontinwu kull meta tinsab ħatja, multa addizzjonali ta’ mhux iżjed minn mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat" | "multa ta’ mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), meta tinsab ħatja t-tieni darba, multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) u meta tinsab ħatja t-tielet darba jew wara, priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sitt xhur u multa ta’ mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), u, fil-każ ta’ reat kontinwu kull meta tinsab ħatja, multa addizzjonali ta’ mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) għal kull jum li matulu jkompli r-reat" |

# SKEDA II

## (Artikolu 3)

## Emendi għal-Leġislazzjoni Sussidjarja magħmula taħt il-Kapitoli 251 - 300

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| 1. | **Regolamenti dwar Servizzi Postali (Ġenerali) L.S.254.01** | regolament 37(2)(e) | "xi bolli mhux imħassra ta' valur totali ta' ħames liri jew aktar" | "xi bolli mhux imħassra ta' valur totali ta' ħdax-il euro u sittin ċenteżmu (11.60) jew aktar" |
| | | regolament 58 | "għandihom jkun rispettivament ta' lira waħda u ta' elf lira" | "għandhom ikunu rispettivament ta' żewġ euro u tletin ċenteżmu (2.30) u ta' elfejn, tliet mija u ħamsa u għoxrin euro (2,325)" |
| | | proviso tar-regolament 64 | "ma għandha f'ebda każ taqbeż is-somma ta' ħamest elef lira għal kull ksur u, jew mitejn lira għal kull ġurnata" | "ma għandha f'ebda każ taqbeż is-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u ħamsa u erbgħin euro (11,645) għal kull ksur u, jew erba' mija u ħamsa u sittin euro (465) għal kull ġurnata" |
| 2. | **Regolamenti dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għal Proċeduri bil-Miktub fuq Appelli L.S.254.11** | regolament 2 | "għandhom ikunu ħmistax-il lira" | "għandhom ikunu erba' u tletin euro u disgħin ċenteżmu (34.90)" |
| 3. | **Regolamenti dwar iż-Żwieġ L.S.255.01** | regolament 2 | "għandu, għal kull żwieġ, ikun ta' għaxar liri" | "għandu, għal kull żwieġ, ikun ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | l-ewwel proviso tar-regolament 2 | "għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' għaxar liri" | "għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29)" |
| | | it-tieni proviso tar-regolament 2 | "għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' għaxar liri" | "għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29)" |
| | | it-tielet proviso tar-regolament 2 | "għandu jitħallas dritt addizzjonali ieħor ta' għaxar liri" | "għandu jitħallas dritt addizzjonali ieħor ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29)" |
| **4.** | **Prisons Regulations L.S.260.03** | il-paragrafu 14.1 tat-Tieni Skeda | "Lm2.00 Assistent *Manager* | "€4.66 Assistent *Manager* |
| | | | Lm1.75 *Supervisor* Korrettiv | €4.08 *Supervisor* Korrettiv |
| | | | Lm1.50 Uffiċjal Korrettiv Anzjan | €3.49 Uffiċjal Korrettiv Anzjan |
| | | | Lm1.00 Uffiċjal Korrettiv" | €2.33 Uffiċjal Korrettiv" |
| **5.** | **Regolamenti dwar Pensjonijiet għal min jaħdem fil-Ħabs L.S.260.04** | proviso tar-regolament 7(1) | "ma għandha f'ebda każ titnaqqas għal anqas mis-somma ta' ħamsin lira" | "ma għandha f'ebda każ titnaqqas għal anqas mis-somma ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47)" |
| | | regolament 7(2) | "billi titnaqqas minnhom is-somma annwali ta' ħamsin lira" | "billi titnaqqas minnhom is-somma annwali ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| 6. | **Regolamenti dwar il-Proċedura tal-Monti L.S.269.01** | regolament 7(1) | "xi ammont li jkun inqas minn lira fi transazzjoni waħda, l-anqas ma għandu jagħti b'self xi ammont li jkun ogħla minn mitejn u ħamsin lira fi transazzjoni waħda" | "xi ammont li jkun inqas minn żewġ euro (2) fi transazzjoni waħda, l-anqas ma għandu jagħti b'self xi ammont li jkun ogħla minn sitt mitt euro (600) fi transazzjoni waħda" |
| | | il-paragrafu (b)(i) tal-proviso tar-regolament 16 | "ma għandux ikun iżjed minn ħamest elef lira fl-aħħar tal-jum" | "ma għandux ikun iżjed minn tnax-il elf euro (12,000) fl-aħħar tal-jum" |
| | | regolament 17 | "multa ta' mhux inqas minn ħamsa u għoxrin lira u mhux iżjed minn mitt lira" | "multa ta' mhux inqas minn tmienja u ħamsin euro (58) u mhux iżjed minn mitejn u tletin euro (230)" |
| 7. | **Regolamenti dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* L.S.281.01** | regolament 3(3) | "multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt lira" | "multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (5,823.43)" |
| | | regolament 5(2) | "multa ta' mhux aktar minn ħamest elef lira" | "multa ta' mhux aktar minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| | | regolament 7 | "ħamsa u għoxrin elf lira (inklużi l-ispejjeż sabiex tiġi difiża t-talba) dwar kull detentur ta' *warrant* li jkun jipprattika ħlief f'soċjetà u ta' ħamsa u għoxrin elf lira (inklużi l-ispejjeż sabiex tiġi difiża t-talba) dwar kull detentur ta' *warrant* li jkun jipprattika f'soċjetà" | "tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (58,234.33) (inklużi l-ispejjeż sabiex tiġi difiża t-talba) dwar kull detentur ta' *warrant* li jkun jipprattika ħlief f'soċjetà u ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (58,234.33) (inklużi l-ispejjeż sabiex tiġi difiża t-talba) dwar kull detentur ta' *warrant* li jkun jipprattika f'soċjetà" |
| **8.** | **Regolamenti dwar Dritt għal Xiri ta' Kopji ta' *Tapes* L.S.284.01** | regolament 2 | "Għandu jitħallas dritt ta' tliet liri" | "Għandu jitħallas dritt ta' sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)" |
| **9.** | **Regolamenti dwar Rimunerazzjoni lill-Assistenti tal-Qorti tal-Minorenni L.S.287.01** | regolament 2 | "dritt ta' erba' liri għal kull seduta" | "dritt ta' disa' euro u tnejn u tletin ċenteżmu (9.32) għal kull seduta" |
| **10.** | **Regolamenti dwar in-Notifika ta' Taħrikiet tat-Tribunali Lokali L.S.291.01** | regolament 12(2)(a) | "bl-ammont li jeċċedi l-elf lira" | "bl-ammont li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **11.** | **Avviż dwar Rimunerazzjoni li tingħata lill-Kummissarji għall-Ġustizzja L.S.291.05** | regolament 2 | "bir-rata ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) għal kull seduta, b'dana illi f'sena partikolari l-ħlas komplessiv m'għandux jeċċedi s-somma ta' ħamest elef lira (Lm5000)" | "bir-rata ta' ħamsa u tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) għal kull seduta, b'dana illi f'sena partikolari l-ħlas komplessiv m'għandux jeċċedi s-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87)" |
| **12.** | **Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (*Super Five*) L.S.292.01** | regolament 6(1) | "Il-prezz ta' kull ġugata ikun ta' 50 ċenteżmu" | "Il-prezz ta' kull ġugata ikun ta' euro u sittax-il ċenteżmu (€1.16)" |
| | | l-ewwel proviso tar-regolament 8(2) | "ma għandux ikun ta' anqas minn għaxar liri (Lm10)" | "ma għandux ikun ta' anqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29)" |
| | | it-tieni proviso tar-regolament 8(2) | "ma għandu qatt ikun anqas minn għoxrin lira (Lm20)" | "ma għandu qatt ikun anqas minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59)" |
| | | il-proviso tar-regolament 8(6) | "ikun jaqbeż l-ammont ta' mitejn elf lira (Lm200,000)" | "ikun jaqbeż l-ammont ta' erba' mija u ħamsa u sittin elf, tmien mija u erbgħa u sebgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€465,874.68) |
| | | l-ewwel paragrafu tal-proviso tar-regolament 8(6) | "l-ammont ta' mitejn elf lira (Lm200,000)" | "l-ammont ta' erba' mija u ħamsa u sittin elf, tmien mija u erbgħa u sebgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€465,874.68)" |

| | LIĠI | DISPOSIZZJONI | KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA | EMENDA |
|---|---|---|---|---|
| **13.** | **Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira) L.S.292.02** | regolament 7(2) | "jkun ta'ġ żewġ liri (Lm2). Iżda l-bejjiegħa u l-aġenti għandhom iħallsu lid-Direttur lira u tmenin ċenteżmu (Lm1.80c)" | "jkun ta'erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (€4.66). Iżda l-bejjiegħa u l-aġenti għandhom iħallsu lid-Direttur erba' euro u dsatax-il ċenteżmu (€4.19)" |
| **14.** | **Government Instant Lotteries Regulations L.S.292.03** | regolament 5(1) | "għandu jkun ta' mhux anqas minn 25 ċenteżmu u ta' mhux iżjed minn Lm1" | "għandu jkun ta' mhux anqas minn 58 ċenteżmu ta' mhux iżjed minn €2.33" |
| **15.** | **Regoli dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet L.S.296.08** | regolament 3(3) | "bi ħlas ta' Lm1 kull pjanta" | "bi ħlas ta' €2.33 kull pjanta" |

## SKEDA III

**(Artikolu 4)**

**Emendi ta’ l-Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., tal-Kapitoli tal-Liġijiet ta’ Malta 251 - 300**

**1.** Il-paragrafu 12 ta’ l-Iskeda ta’ l-Att dwar it-Trasferiment ta’ Artijiet tal-Gvern, Kap. 268, għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Art tal-Gvern f’xatt il-baħar li fuqha nbniet xi kamra jew bini ieħor jew li qed isservi biex fuqha titqiegħed *caravan* tista’ tiġi ttrasferita b’titolu ta’ kiri għal mhux iżjed minn għaxar snin b’kera skond stima tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet u li fl-ebda każ ma tkun inqas minn €93.17 fis-sena:

B’dan iżda illi l-bini bil-benefikati kollha fuqu, ħlief dak kollu li hu mobbli, jaqa’ f’idejn il-Gvern f’għeluq il-kirja mingħajr l-ebda dritt ta’ kumpens.”.

## SKEDA IV

## (Artikolu 5)

## Emendi ta' l-Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., tal-Leġislazzjoni Sussidjarja magħmula taħt il-Kapitoli 251 - 300

**1.** L-Iskeda tar-Regolamenti dwar Servizzi Postali (Ġenerali) (L.S.254.01) għandha tiġi sostitwita bl-iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolamenti 45, 46 u 47)

Drittijiet li għandhom jitħallsu kull sena

| | Dritt |
|---|---|
| (*a*) Drittijiet li għandhom jitħallsu mill-provditur ta' servizzi universali li jkollu liċenza skond ir-regolament 45 fir-rigward ta' kull servizz postali mogħti mill-provditur ta' servizzi universali kemm jekk dawn jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali u kemm jekk ma jaqgħux: | |
| Sal-31 ta' Mejju 2003 ...................................... | €465,870 |
| Mill-1 ta' Ġunju 2003 sat-30 ta' April 2004 ...... | €232,935 flimkien ma' nofs fil-mija tad-dħul gross totali minn servizzi postali li jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali, |
| Mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Diċembru 2005 | €174,700 flimkien ma' tliet kwarti fil-mija tad-dħul gross totali minn servizzi postali li jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali, u |
| Mill-1 ta'Jannar 2006 ....................................... | €58,230 flimkien ma' tliet kwarti fil-mija tad-dħul gross totali minn servizzi postali li jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali; |
| (*b*) drittijiet li għandhom jitħallsu minn operaturi li jkollhom liċenza skond ir-regolament 46 fir-rigward ta' servizzi li mhumiex riservati iżda kemm jekk dawn ikunu jaqgħu taħt l-iskop tas-servizzi universali kemm jekk ma jkunux .............. | €930 flimkien ma' wieħed fil-mija tad-dħul gross totali minn servizzi postali li jagħmlu parti mis-servizz universali; |
| (*ċ*) drittijiet li għandhom jitħallsu minn operaturi li jkunu awtorizzati skond ir-regolament 47 fir-rigward ta' servizzi li ma jaqgħux taħt l-iskop tas-servizzi universali ................................. | € 930 ". |

**2.** (1) Fil-paragrafu 15.1 ta' l-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Modifika fil-Liċenza ta' Maltapost p.l.c. (L.S.254.14) minflok il-kliem "kull sena jħallas pagament ta' liċenza ta' mitejn elf Lira Maltija (Lm200,000)" għandhom jidħlu l-kliem "kull sena jħallas pagament ta' liċenza ta' erba' mija u ħamsa u sittin elf, tmien mija u erbgħa u sebgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€465,874.68)".

(2) It-tabelli fl-aħħar tal-paragrafu 2 ta' l-Appendiċi ma' l-Iskeda tar-Regolamenti dwar Modifika fil-Liċenza ta' Maltapost p.l.c. (L.S.254.14) għandhom jiġu sostitwiti bit-tabelli ġodda li ġejjin:

| "Klassifikazzjoni | Skala ta' piż jew deskrizzjoni | Prezz | Żona Riservata (Iva/Le) |
|---|---|---|---|
| POSTA LOKALI | | | |
| Ittri | Sa 50g | 19ċ | I |
| | Aktar minn 50g, inqas minn 100g | 26ċ | I |
